# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 640/24/1 GG**

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru 895/2024/MS fl-ismijiet:**

**Nataliia Yureevna Soldatenkova detentrici tal-Passaport mahrug mill-Federazzjoni Russa bin-numru 760647020 (Passaport Intern Russu numru 45 18 619505) bhala mandatarja specjali ta' Gazprom Export LLC, kumpanija inkorporata that il-Ligijiet tal-Federazzjoni Russa bl-indirizz registrat gewwa Ostrovskogo Sq., 2a, Litera A, 191023, Saint Petersburg, il-Federazzjoni tar-Russja, bin-numru ta' regsitrazzjoni 1027739898284.**

**vs.**

**1. Pavao Vujnovac detentur tal-karta tal-identita' Kroata bin-numru 161885983; u**

**2. Open Solutions Limited, kumpanija inkorporata that il-Ligijiet ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni C-67180 u bl-indirizz ufficjali gewwa 53, Office 2, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.**

Digriet dwar talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghall-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju.

Illum 6 ta' Marzu, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Pavao Vujnovac u Open Solutions Ltd** (l-**Ezekutati**) **,** tal-11 ta' Settembru, 2024 li bih talbu r-revoka tal-Mandat ta' Qbid Numru 895/2024/MS fit-termini tal-artikolu 863 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u, b'mod sussidjarju, il-kontrosigurta' ai termini tal-artikolu 838A tal-istess kapitolu;

Rat ir-risposta ta' **Nataliia Yureevna Soldatenkova noe**, (l-**Ezekutanti)** ipprezentata quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Settembru, 2024;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi din hija procedura ghar-revoka ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju mahrug fuq tal-talba tal-Ezekutanti fl-ammont ta' erba biljun u sitt mija seba' miljun wiehed u sebghin elf hames mija u wiehed euro u wiehed u tletin centezmu (Euro 4,607,071,501.31) liema talba qed issir fit-termini tal-artikoli

863(1)(a), 863(1)(d) u 863(1)(f) u b'mod sussidjarju ghall-hrug ta' kontrosigurta' fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Il-fatti migjuba a konjizzjoni tal-Qorti, l-Ezekutanti kienet talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju bis-segwenti kawzali: "*in sostenn tal-pretensjoni taghha kontra Prvo Plinarsko Drustvo d.o.o. fl-arbitragg quddiem il-Qorti ghall-Arbitragg Internazzjonali tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerc li huma prezentament pendenti, stante illi l-pozizzjoni finanzjarja u r-ristrutturar ricentsi tal-grupp korporali ta' Plinarsko Drustvo d.o.o. ghall-beneficcju tad-debitur Pavao Vujnovac, il-beneficjarju ta' Prvo Plinarsko, jipperikola l-enforzat ta' kwalunkwe kreditu li jkun dovut lil Gazprom export LLC.*".

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, jehtieg li qabel xejn tkun deciza l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-Ezekutanti fin-nota risponsiva taghha. L-Ezekutanti tallega illi r-rikors promutur huwa priv minn talba jew talbiet u konsegwentement huwa null stante li dan huwa nuqqas li ma jistax ikun sanat. Minn naha taghhom l-Ezekutati huma tal-fehma illi dan jammonta ghall-formalizmu zejjed tant li ma hemm xejn xi jzommhom milli jirtiraw ir-rikors u jipprezentaw iehor mill-gdid b'dan illi ghalhekk il-pregudizzju muhiex wiehed irrimedjabbli;

4. Ezaminat ir-rikors odjern, jemergi illi huwa minnu li fil-parti ahharija tieghu ma hemmx talba jew gabra ta' talbiet li solitament jakkumpanjaw rikors ta' din in-natura u frankament kull rikors li jingieb quddiem il-qorti stante li rikors ma huwa xejn hlief talba.

Maddanakollu, jirrizulta illi r-rikorrenti procedew bis-sahha ta' rikors u pprecizaw illi dan qed isir fit-termini tal-Artikolu 836(1)(a), (d) u (f), u l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorsi ravvizati f'dan iz-zewg artikoli u s-subartikolu taghhom jista' jsir biss sabiex ikun revokat mandat kawtelatorju mahrug fuq istanza tal-parti. Issa, huwa minnu illi r-rikors in kwistjoni huwa mmpostat b'mod xi ftit insolitu billi wara li jinghat b'mod preliminari li qed jitressaq fit-termini tal-fuq imsemmija artikoli, jissokta sabiex jispjega b'mod dettaljat ghaliex qed issir dik it-talba;

5. Fil-fehma tal-Qorti, t-talba ossia talbiet tar-rikorrenti huwa specifikati u mhux generali u ghad illi mhux fil-forma li konswetudjonali, huma xorta wahda decifrabbli u l-Qorti tista' tipprocedi billi taghmel kunsiderazzjoni u tasal ghall-konkluzzjonijiet dwar kull wahda minnhom.

6. Ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-Ezekutanti;

7. Illi fil-mertu, l-Ezekutati iressqu tlett ragunijiet ghaliex il-mandat kawtelatorju ghandu jkun revokatbl-ewwel wahda tkun dik ravvizata fl-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12. Skond dan is-subartikolu l-ezekutat jista' jitlob ir-revoka tal-mandat "*jekk l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh*". L-Ezekutati jallegaw illi l-Ezekutanta ma pprezentatx kawza fiz-zmien ghoxrin jum kif jitlob l-artikolu 843(1) tal-Kapitolu 12 kif applikabbli bl-artikolu 846(3) [u mhux kif erronjament indikat mill-Ezekutati 846(2)], liema artikolu irid li "*ir rikorrenti ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd msemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat*". Kif gia senjalat

supra, dan ir-rikors kien jifforma parti mir-rikors guramentat 640/2024 ipprezentat quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 2024 fl-istess ismijiet tar-rikors in disamina li kien milqugh fis-27 ta' Mejju, 2024. Ifisser dan illi r-rikors guramentat rikjest mill-artikolu 843 kien ipprezentat fit-terminu li trid il-ligi u ghalhekk mill-aspett procedurali *qua* termini r-rikorrenti Ezekutati ma ghandhomx ragun. Pero' r-ragunament tal-Ezekutati jmur oltre minn hekk meta jittirjenu illi l-kawza ghandha tkun "*ghall-jedd imsemmi fil-mandat*". Dak illi allura din il-Qorti trid tezamina hu jekk *prima facie* jirrizultax illi r-raguni mressqa ghall-otteniment tal-mandat huwiex rifless fil-kawza li trid tkun proposta fi zmien ghoxrin jum;

8. Illi ghall ahjar intendiment, qed ikunu riprodotti t-talbiet fil-kawza 640/2024 li jghidu hekk:

> **Jghidu ghalhekk l-intimati 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:**
>
> **1. Tiddikjara illi l-intimat Pavao Vujnovac detentur tal-karta tal-identita' Kroata bin-numru 161885983, huwa l-azzjonist wahdieni u l-*ultimate befeficial owner* tal-kumpanija intimata Open Solutions Limited, kumpanija inkorporata that il-Ligijiet ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni C67180;**
>
> **2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-assi mobbli u immobbli mizmuma lokalment liema jappartjenu lill-intimat Pavao Vujnovac detentur tal-karta tal-identita' Kroata bin-numru 161885983 jistghu u ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kwalunkwe somma flus spettanti lir-rikorrenti *inter alia* skont**

**l-ezitu tal-proceduri tal-Arbitragg Internazzjonali ssurreferiti fl-ismijiet Pvro Plinarsko Drustvo d.o.o (Repubblika tal-Kroatzja), Rikorrenti v Gazprom export LLC (Federazzjoni Russa), Intimat;**

**3. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-assi mobbli u immobbli mizmuma lokalment liema jappartjenu lill-intimata Open Solutions Limited (C-67180) jistghu u ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kwalunkwe somma flus spettanti lir-rikorrenti** ***inter alia*** **skont l-ezitu tal-proceduri tal-Arbitragg Internazzjonali ssurreferiti fl-ismijiet Pvro Plinarsko Drustvo d.o.o (Repubblika tal-Kroatzja), Rikorrenti v Gazprom export LLC (Federazzjoni Russa), Intimat;**

9. L-Ezekutati jsostnu illi l-pretensjoni tal-Ezekutanti, s-socjeta' Gazprom Export LCC hija naxxenti minn kontro-talba li saret f'arbitragg internazzjonali b'dan illi l-istess Ezekutati mhumhiex parti b'dawk il-proceduri. Dwar dan, izda, ghandha ragun is-socjeta' Ezekutanti ghaliex ezami ta' tali eccezzjoni jkun ifisser ezami fil-mertu u mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li taghmel dan, liema ezami huwa rizervat ghall-Qorti fil-kawza pendenti. Dak li l-Qorti jehtigilha taghmel hu li tara jekk fuq bazi *prima facie* il-mandat ikun segwit b'kawza fi zmien ghoxrin jum mill-parti Ezekutanti kontra l-parti Ezekutata b'talbiet li jirriflettu l-istess raguni ghall-otteniment tal-mandat. Dan jirrizulta kif gia inghad supra. Kwantu bazata fuq l-artikolu 836(1)(a), ghalhekk, it-talba qed tkun michuda;

10. It-tieni raguni vantata mill-Ezekutati ghar-revoka tal-mandat hija dik ravvizata fl-artikolu 836(1)(d): *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv"*. L-ezami li ghandu jissokta hawn ma huwa xejn differenti minn dak maghmul fuq l-ewwel kawzali, jigifieri li jkun jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-pretensjoni mressqa ghall-otteniment tal-mandat hija debitament riflessa fil-kawza mressqa mill-Ezekutanti. F'dan ir-rigward, l-Ezekutati jghidu li dan ir-rekwizit ma ghandhux jitqies bhala skontat semplicement ghaliex tkun proposta kawza jew *"bis semplici prezentata ta' sett ta' karti intitolat "rikors guramentat" "*;

11. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rikors guramentat u meta konfrontat mar-ragunijiet mressqa fir-rikors ghall-hrug ta' mandata ta' qbid tqis illi l-Ezekutati ma hemm xejn li jindika fuq bazi *prima facie* li l-ammont mitlub mhux gustifikat jew li hu wiehed esagerat. Anke hawn, ezami aktar profond huwa rizervat ghal Qorti fil-kontenzjuz u ma ghandiex tkun din il-Qorti li taghmel dak mitlub mill-Ezekutati fir-rikors odjern, jigifieri, li tidhol fil-mertu tal-kawza u tezamina l-provi jew nuqqas taghhom. Ghalhekk kwantu bazat fuq is-subartikolu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 836, din it-talba qed tkun michuda;

12. It-tielet u l-ahhar raguni mressqa mill-Ezekutati hija dik ravvizata fl-artikolu 836(1)(f) : *jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"*. In sostenn tat-talba kif postulata, izda, l-Ezekutati jaghmlu referenza

ghar-ragunijiet minnhom mressqa fl-isfond tas-subartikolu (a) u (d) u jzidu biss illi l-mandat hu mmirat lejn individwi separtati u distinti mill-kontroparti ta' Gazprom Export LCC fil-procediment ta' arbitragg. Irid ukoll jinghad f'dan ir-rigward illi anke hawn, mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tidhol fl-ezami tal-mertu propost mill-Ezekutanti fil-kawza ossia fl-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenuti hawnhekk Ezekutati. L-Ezekutanti qed tfittiex li tikkawtela l-posizzjoni taghha fl-allegat manuvrar fl-istruttura tas-socjeta' Open Solutions Limited u l-allegat azzjonist ahhar taghha li skond hi ser jissarfu fit-telf minnha lamentat. Dak, fil-fehma tal-Qorti huwa sufficjenti sabiex il-mandat otteneut ma jitwarrabx fit-termini tas-subartikolu (f) u ghalhekk ma tistax tikkondividi l-preokupazzjonijiet mlissna mill-Ezekutati. Kwantu hekk, ghalhekk it-talba bazata fuq l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 qed tkun michuda;

**Talba ghall-kontro-sigurta'**

13. L-Ezekutati rikorrenti qieghdin jitolbu, b'mod sussidjarju, ghall-imposizzjoni ta' kontro-sigurta fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12, anke jekk l-Ezekutanti tibqa' ssostni li ma hemm l-ebda talba formali stante li dik tar-rikorrenti hija biss sottomissjoni u mhux talba. Anke hawn, jinghad bhalma gia ritenut, illi l-mod kif postulata ir-rikors f'dan ir-rigward jista' jitqies bhala talba u ma hemm xejn x'josta milli tkun tkun konsiderata u deciza;

14. L-artikolu 838A jaghti s-setgha lill-Qorti li tordna lill-Ezekutant jaghti garanzija xierqa ghallhlas tal-penali li tista' tkun imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju. L-Ezekutati iressqu bhala raguni l-argument illi l-

procedura intentata mill-Ezekutanti kontra taghhom hija wahda abbuziva u ghandu jittiehed kont sia tal-ammont mitlub kif ukoll tal-entita' u d-daqs tal- parti attrici fil-kawza, Gazprom Export LCC. Kif tajjeb osservat mill-Ezekutanti, izda, r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda talba fit-termini tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 kif ukoll illi l-artikolu 838A jidhol fix-xena bhala konsegwenza tal-artikoli 838(8) u (9). Ghamlet sewwa l-Ezekutanti meta rriferiet ghar-ragunament fil-kawza **Francis Cassar vs Joseph Zammit** tat-3 ta' Jannar, 2012 ghaliex dak ir-ragunament jiswa ghall-kwistjoni odjerna. L-ekwita' fl-armi ezaltata mill-Ezekutati, izda, mhix wahda sostenibbli stante li hu stabilit fil-gurisprudenza illi minn ifittex rimedju ma ghandux ikun penalizzat semplicement ghaliex qieghed jivvanta dritt li jemmen li ghandu dment li t-talbiet ma jkunux manifestament frivoli jew vessatorji.

**Decide:**

**Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tichad it-talbiet tal-Ezekutati kif postulata fir-rikors taghhom ghal hrug ta' kontromandat ossia revoka tal-Mandat ta' Qbid 640/2024/1 GG u ghall-hrug ta' kontro-sigurta'.**

**L-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.**

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**